MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 32/2008

John Bartolo

vs

Joseph Grima

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-18 ta' Settembru 2008, li jghid hekk :-

'Peress illi l-attur biegh vettura lill-konvenut u fadallu jiehu s-somma ta' elf u tmenin liri Maltin (Lm1,080) pari ghal elfejn hames mija u hmistax–il Euro u tnejn u sebghin centezimi (€2,515.72), liema bilanc il-konvenut baqa' ma hallasx minkejja li gie nterpellat.

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex m'ghandux jigi kkundannat minn dan it-Tribunal li jhallas din is-somma fuq imsemmija, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluza l-VAT.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.'

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fit-13 ta' Novembru 2008, eccepixxa :-

1. Illi l-pretensjonijiet kif dedotti mill-attur huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ;

2. Illi l-attur ghandu qabel xejn jindika b'mod preciz ghal liema zmien huwa qed jirreferi meta fl-Avviz tieghu huwa jghid 'xi zmien ilu' ;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost qatt ma kien hemm bejgh bejn il-partijiet u dan stante illi qatt ma gie miftiehem prezz ;

4. Illi minghajr pregudizzju meta l-esponenti kien ilu zmien jaghmel pagamenti mensili, l-attur ddecieda li jaqleb il-log book fuq l-esponenti b'turija illi huwa kien kuntent bil-flus li kien dahhal ghall-vettura in kwistjoni ;

5. Illi inoltre l-vettura in kwistjoni kienet tinsab fi stat u kundizzjoni hazina u kellha hafna sadid. Fil-fatt l-attur ried jirritorna din il-vettura qabel ma' l-log book gie trasferit fuq ismu, izda l-attur m'accettax.'

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi bazikament din il-kawza tittratta talba ghall-hlas ta' bilanc tal-prezz tal-bejgh ta' vettura tal-ghamla Ford Fiesta mibjugha mill-attur lill-konvenut. Il-konvenut qed jirrifjuta li jaghmel dan il-bilanc ta' pagament ghax jallega li l-vettura li huwa xtara ma kenitx tiswa aktar minn erbgha mja u hamsin lira Maltin (Lm450) u mhux elf u tmien mitt lira

Maltin (Lm1,800). Jilmenta li wara li xtraha sab hafna sadid fil-karozza li qabel ma kienx innota fiha u skopra li fejn ix-*shock absorbers* kien hemm toqba kbira fil-qafas tal-vettura li kienet mghottija bi pjanca tal-hadid, u din it-toqba skond hu, tant kienet kbira li minnha kien jghaddi t-tifel tieghu li dak iz-zmien kellu tmintax (18)–il sena. Jghid li din it-toqba qabel ma setghax jaraha. Jilmenta wkoll minn hsara fil-magna u li kellu jibdel il-magna li xtraha ghall-prezz ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150). Minkejja dan, il-konvenut ipproceda xorta wahda biex jaghti l-kunsens tieghu ghat-trasferiment tal-vettura tant li ffirma l-log book taghha, u accetta l-log book minghand l-attur. Inoltre jirrizulta li mhux biss ghamel pagament akkont mal-konsenja tal-vettura, izda ghamel sussegwentement mhux inqas minn hames pagamenti ohra akkont tal-prezz. Jidher li wara xi zmien il-konvenut kellu ripensament u ried ihassar il-bejgh u jregga' lura l-vettura lill-attur. Dan it-Tribunal ghalhekk irid jezamina jekk il-konvenut huwiex gustifikat li ma jhallasx il-bilanc tal-prezz ta' din il-vettura rikjest f'din il-kawza.

Inghad li 'f'kaz ta' oggett sekonda manu, ma tezisti ebda garanzija ghal xi difetti li jkunu rizultat ta' *wear and tear* jew li jkunu konsegwenza tal-uzu tal-oggett. Huwa l-obbligu tax-xerrej li jezamina l-kundizzjoni tal-oggett li jixtri, u li jippruvaha biex jara li, fil-mument tal-vendita', l-oggett mixtri kien funzjonabbli. Aktar minn dan, gie diversi drabi stabbilit mill-qrati taghna li kompratur li jixtri oggett li wara jiskopri li kien bil-hsara jew difettuz, ma jistax, fil-waqt li jibqa' jzomm il-haga, jirrifjuta li jhallas il-prezz meta jigi mitlub jaghmel dan. Kompratur li jinghata konsenja ta' haga mhux tal-kwalita' miftiehma jew bi hsara ghandu diversi rimedji miftuha ghalih, inkluz li jhassar il-bejgh jew jitlob tnaqqis fil-prezz, pero', irid jagixxi biex jirreklama d-drittijiet tieghu, u ma jistax jibqa' jzomm l-oggett u jqajjem il-kwistjoni tal-kwalita' inferjuri jew hsara biss wara li jigi azzjonat ghall-hlas' [Prim'Awla, **Joseph Pitre' vs Anthony Muscat**, 02/06/2005]. Inghad ukoll li 'fil-kaz ta' bejgh ta' vettura *sekonda man* u l-adattabilita` u l-bonta` taghha ghandha jkollha korrispondenza ma' dak ragonevolment mistenni minn oggett mixtri *second hand* u bil-prezz li jkun inxtara. Wiehed logikament jistenna li

f'oggett hekk mixtri dan ikollu, anke jekk mhux necessarjament u dejjem, certi mankamenti, pjuttost facilment konstatabbli b'ezami superficjali. Naturalment dan ma jfissirx illi oggett *sekonda man* ma jistax ikollu wkoll difetti mohbija jew li jaghmel l-azzjoni dequa mhux applikabbli ghalih, jekk ma jkunx jirrizulta illi l-venditur zvesta ruhu mill-obbligu tal-garanzija tal-haga mibjugha, sotrat dan krejat mill-presunzjoni stabbilita` fl-Artikolu 1378, Kodici Civili. Il-vizzju huwa redibitorju meta, fil-waqt tal-kontrattazzjoni jew tar-ricezzjoni tal-haga akkwistata, il-haga ma tipprezentax tracci li jirrilevaw l-ezistenza ta' difetti li xerrej medjokrement attent u diligenti ma jkunx jista' jaghrafhom u jivvalutahom wahdu. Id-difett jista' jkun mohbi wkoll jekk ma jkunx jista' jimmanifesta ruhu hlief bl-uzu tal-haga. Invece jekk id-difett ikun jidher jew ix-xerrej seta' jsir jaf bih wahdu l-venditur mhux tenut iwiegeb ghalih (Artikolu 1425, Kodici Civili). In-natura apparenti jew okkulta tal-vizzju ghandha tigi konsidrata in rapport tal-kapacita` u konjizzjoni komuni tal-bniedem, u mhux bizzejjed biex vizzju jigi ritenut apparenti c-cirkostanza li s-sussistenza tal-vizzju tista' tigi rilevata minn bniedem ta' l-arti jew perit. In tema legali, l-Artikolu 1425, Kodici Civili, ma jippostulax fil-fehma tal-Qorti illi x-xerrej irid ikollu xi kompetenza teknika partikolari, u lanqas li hu ghandu jirrikorri, f'kull kaz ta' kompravendita', ghall-accertament minn esperti. Il-frazi "li seta' jsir jaf bihom wahdu" ghandha titqies cirkoskritta ghal dik id-diligenza okkorrenti biex jigi rilevat lilu difett ta' percezzjoni facli. [Prim'Awla, **Joseph Bonanno et vs Raymond Dimech**, 12/01/2005].

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, il-konvenut ma kienx gustifikat li jzomm il-hlas tal-bilanc tal-prezz li kellu jaghti lill-attur fuq il-bejgh tal-vettura. Bil-fatt tieghu stess il-konvenut tilef kull dritt li seta' kellu. Minkejja d-difetti li skond hu, sab fuq il-vettura li xtara, hu ghazel li jzomm il-vettura xorta wahda tant li ta l-kunsens tieghu ghat-trasferiment tal-vettura ghal fuq ismu u accetta l-log book meta kien konsapevoli mill-fatt tal-kundizzjoni hazina tal-vettura tant li fi kliemu stess kien gia' induna bis-sadid u l-hsara fil-magna. F'cirkostanzi konsimili hu gie li ppregudika irrimedjabbilment il-pozizzjoni tieghu. Fi kliem iehor il-konvenut ma kellux jippretendi li m'ghandux ihallas

lill-attur ghaliex hekk deherlu li ghandu jaghmel. Fil-fehma konsiderata ta’ dan it-Tribunal, ma jistax jigi accettat jew sostenut u l-attur m’ghandux, u ma kellux, jigi kkastigat ghan-nuqqas tal-prosegwiment da parti tal-konvenut ta’ dawk il-mizuri li kellu jiehu biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu. Inghad li hu ‘principju komunement applikat fil-gurisprudenza li jekk bniedem ikun jaf bi stat ta’ fatt li jintitolah jezercita dritt u jhalli dak l-istat ta’ fatt jipprogredixxi minghajr ma jagixxi ghad-dritt tieghu, allura t-titolari tad-dritt jista’ jitqies, fic-cirkostanzi kongruwi, li jkun irrinunzja ghal prosegwiment ta’ dak id-dritt’ [Appell Inferjuri, **Frederick Micallef et vs May Sullivan**, 22/11/2002]. Il-bejgh kien sar u gie komplut bil-konsenja tal-vettura. Infatti sar anke’ hlas mill-konvenut ta’ disghin lira Maltin (Lm90) akkont mal-konsenja, u komplew isiru aktar pagamenti akkont bl-ahhar pagament ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) sar fit-8 ta’ Marzu 2006. Fid-dawl ta’ dan kollu l-obbligu tal-konvenut kien ghalhekk li jhallas il-bilanc tal-prezz la darba ghazel li ma jitlobx ir-rexxissjoni tal-bejgh minhabba l-kundizzjoni hazina tal-vettura minnu allegata.

Mid-dokumenti esibiti mill-attur, li bl-ebda mod ma gew ikkontestati mill-konvenut jirrizulta li l-bejgh ta’ din il-vettura sar fit-2 ta’ Settembru 2004, ghall-prezz ta’ elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800), li sussegwentement l-attur *ex admissis* kien qata’ mill-prezz is-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) minhabba li l-konvenut kellu jibdel il-magna wara ftit li kien xtraha. Minn dan l-ammont il-partijiet esebew ricevuti li juru li saru dawn il-hlasijiet : disghin lira maltin (Lm90) li thallsu  mal-konsenja tal-vettura fit-2 ta’ Settembru 2004 (dokument JB1), zewg pagamenti ohra ta’ sebghin lira Maltin (Lm70)–il wiehed (dokumenti JG2 u JG3), pagament ta’ erbghin lira Maltin (Lm40) (dokument JB3), pagament ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) (dokument JG6), u pagament iehor ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) (dokument JB4). Dokumenti JG3 u JB2 jirreferu ghall-istess pagament kif ukoll dokumenti JG4 u JB3, u dokumenti JG5 u JB4). Total ta’ pagamenti li saru akkont huwa ta’ hames mija u ghoxrin liri Maltin (Lm520). Il-bilanc dovut huwa dak li qed jitlob l-attur fis-somma ta’ elf u tmenin lira Maltin (Lm1080) ekwivalenti ghal elfejn

hames mija u himstax–il Euro u tnejn u sebghin centesimi (€2,515.72).

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi l-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma indikata fl-avviz tat-talba u cioe’ ta’ elfejn hames mija u hmistax–il Euro u tnejn u sebghin centesimi (€2,515.72) rapprezentanti bilanc mill-prezz dovut ghall-bejgh tal-vettura mibjugha lilu.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------